MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 892/2011

**Franstan (P651)**

**vs**

**Kashmiri Palace Limited (C-2507) u Carmen Taliana (ID191541M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Carmen Taliana (ID 191541 M) datat 12 ta’ Settembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi pendenti bejn il-partijiet hemm il-kawza fl-istess ismijiet premessi, ir-rikors guramentat numru 825/2011 AF;

Illi kontestwalment mar-Rikors Guramentat imsemmi l-Kumpanija Franstan talbet u ottjeniet kontra l-esponenti l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru

1188/2011 fl-istess ismijiet premessi ghas-somma ta' €76,445.96c allegatament bhala "kumpens ghall-okkupazzjoni llegali tal-fondi 335 Manwel Dimech Street Sliema u 185 St. Mary Street, Sliema, liema kumpens jirrapprezenta l-valur tal-fondi msemmija bejn l-1 ta' Jannar 1986 (kif konfermat mis-sentenza msemmija moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Dicembru 2002) sat-28 ta' Novembru 2002" (Dok 'A' hawn unit);

Illi din it-talba fil-konfront ta' l-esponenti saret b'malizija, kienet frivola u vessatorja, b'abbuz tal-procedura gudizzjarja;

Illi s-sentenza moghtija fis-06 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet "Alex C. Vella bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' 'Franstan Limited' vs Kashmiri Palace Limited et" (ara Dok 'B' hawn unit) li ghaliha saret referenza fl-imsemmi Mandat ta' Sekwestru kienet inghatat a favur tas-Socjeta' limitata "Franstan Limited" u mhux a favur tal-*Partnership* "Franstan" li hija Socjeta' *en nom collectif*" (ara Dok 'C' hawn unit), fatt *dan ben not* mill-Partnership 'Franstan';

Illi *inoltre* l-imsemmija sentenza nghatat kontra Kashmiri Palace Limited, socjeta' li ilha s-snin ma tinnegozja, u mhux kontra l-esponenti, u ghalhekk il-Kumpanija "Franstan" certament ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-esponenti;

Illi l-Partnership 'Franstan' tinstab fi stat ta' abbandun u nonostante l-fatt li ghandha d-diretturi taghha dawn lanqas biss ipprezentaw ir-rapporti finanzjarji tal-Kumpanija fir-Registru tal-Kumpaniji;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` kummercjali rikorrenti talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li t-talba ghall-hrug tal-Kumpanija Franstan ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1188/2011 fil-konfront tal-esponenti saret b'malizija, kienet frivola u vessatorja;

2. Tillikwida l-ammont ta' penali *a tenur* tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap. 12**;

3. Tikkundanna lill-*Partnership* 'Franstan' thallas lill-esponenti l-ammont ta' penali hekk likwidat kif hawn fuq inghad.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 3 sa a fol 20 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tas-socjeta' kummercjali Franstan datata 31 ta' Ottubru 2011 a fol 26 tal-process fejn eccepiet:-

Illi din ir-risposta qed issir fil-konfront tar-rikors fl-ismijiet premessi ntavolat minn Carmen Taliana fit-12 ta' Settembru 2011 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1188/2011;

Illi preliminarjament ir-rikors *de quo* huwa nieqes mill-elementi formali tieghu u t-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta' penali *a tenur* tal-**Artikolu 836(8) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12)** ma jistghux jintlaqghu ghaliex dawn il-penali huma penali konsegwenzjali ghat-thassir jew revoka tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni u kif jidher mir-rikors *de quo* ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda talba ghat-thassir jew revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni;

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija talba dikjaratorja filwaqt illi t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti huma talbiet ghal-likwidazzjoni u hlas ta' penali *a tenur* tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap. 12** u ghaldaqstant ma hemm l-ebda talba ghat-thassir jew revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni;

Illi dwar il-mertu tar-rikors ta' Carmen Taliana kull allegazzjoni illi l-mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha saret b'malizija, kienet frivola u vessatorja, b'abbuz tal-procedura gudizzjarja hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u s-

socjeta' kummercjali esponenti kellha u ghad ghandha kull interess, dritt u gustifikazzjoni legali ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru *de quo* kontra l-istess Carmen Taliana u dan ghaliex kif imfisser bl-aktar mod dettaljat fir-rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta' kummercjali esponenti kontestwalment mal-istess mandat ta' sekwestru (Rikors Numru 825/2011 AF fl-ismijiet premessi) jirrizulta *prima facia* illi s-socjeta' kummercjali esponenti ghandha pretensjonijiet legali x'taghmel fil-konfront ta' l-istess rikorrenti Carmen Taliana personalment;

Illi dwar ir-raba' paragrafu tar-rikors ta' l-intimata Carmen Taliana fejn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet "*Alex C. Vella bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Franstan Limited vs Kashmiri Palace Limited u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2002 interveniet fil-kawza Carmen Taliana"* (deciza fis-6 ta' Dicembru 2002 u saret *res judicata* fit-18 ta' April 2006 wara li l-Appell tal-konvenuti kien gie dikjarat dezert) qed jigi allegat illi s-socjeta' kummercjali esponenti Franstan ma ghandiex dritt illi tezegwixxi l-istess sentenza ghaliex din inghata favur Franstan Limited. Illi fil-fatt Franstan Limited u s-socjeta' esponenti Franstan huma l-istess persuna guridika u dan wara li fis-sena 1998 saret konversjoni tal-kumpanija Franstan Limited ghal socjeta' kummercjali *en nom collectif* bl-isem 'Franstan' *a tenur* tat-Taqsima VII tal-Att dwar il-Kumpaniji, 1995 (*vide* Dok 'FR1' kopja tar-risoluzzjoni ghall-konverzjoni; u Dok 'FR2' kopja tal-avviz relattiv ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Lulju 1998);

Illi *a tenur* ta' l-**Artikolu 335 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji** meta jkun hemm konverzjoni ta' socjeta' kummercjali "***is-socjeta' kummercjali ffurmata bhala rizultat tal-bdil tidhol fl-attiv, il-jeddijiet u l-obbigi kollha minghajr l-htiega ta' xi formalitajiet barra minn dawk li johorgu minn din it-Taqsima, u ghandha zzomm l-istess personalita' guridika tas-socjeta' kummercjali li giet mibdula; u l-imsemmi wirt ikun isehh dwar terzi";***

Illi ghaldaqstant hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kull allegazzjoni illi s-socjeta' esponenti Franstan ma ghandhiex jedd li tezegwixxi s-sentenza moghtija a favur ta' Franstan Limited u dan ghaliex dawn huma l-istess persuna guridika;

Illi dwar il-hames paragrafu tar-rikors ta' Carmen Taliana, filwaqt illi huwa minnu illi s-sentenza fuq imsemmija nghatat kontra Kashmiri Palace Limited, il-pretensjonijiet u talbiet tas-socjeta' kummercjali esponenti kif dedotta fil-kawza pprezentata minnha kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru *de quo* huma wkoll kontra l-intimata Carmen Taliana personalment u ghalhekk is-socjeta' kummercjali esponenti ghandha nteress illi tikkawtela l-interessi u d-drittijiet taghha kontra l-istess Carmen Taliana permezz ta' dan il-mandat ta' sekwestru;

Illi Carmen Taliana hija l-unika azzjonista tal-kumpanija ntimata Kashmiri Palace Limited u tiddetjeni l-ishma kollha ta' din il-kumpanija u dan minkejja illi l-kumpanija ntimata ma hijiex registrata bhala *single member company.* Ghaldaqstant *a tenur* tal**-artikolu 214(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji** l-intimata Carmen Taliana hija personalment responsabbli ghall-obligazzjonijiet tal-kumpanija ntimata;

Illi barra minn hekk l-istess Carmen Taliana halliet il-kumpanija ntimata Kashmiri Palace Limited fi stat ta' abbandun tant illi ilha minghajr diretturi u minghajr *company secretary* sa mis-sena 2004 u ilha ma tipprezenta r-rapport finanzjarju taghha sa mis-sena 1999 kif jirrizulta mill-atti pubblici registrati fir-Registru tal-Kumpaniji (Dok 'FR3');

Illi hija l-intimata Carmen Taliana in kwantu l-uniku persuna legalment marbuta mal-kumpanija ntimata li tul iz-zmien kollu in kwistjoni baqghet izzomm il-pussess tal-fond proprjeta' tas-socjeta' kummercjali esponenti b'mod illegali u fl-istess waqt halliet lill-kumpanija ntimata taqa' fi stat ta' abbandun biex b'hekk minghalija tiddistakka ruhha mir-responsabbilta' ta' ghemilha u tipprova tistahba wara dik il-kumpanija;

Illi dan l-agir ta’ Carmen Taliana jikkostitwixxi abbuz ta’ beneficcju tar-responsabilita’ limitata moghtija lilha *a tenur* ta’ **Artikolu 67 tal-Att Dwar il-Kumpaniji** u ghaldaqstant ukoll jirrizulta *prima facie* illi l-istess Carmen Taliana ghandha tinzamm personalment responsabbli ghall-hlas ta’ kumpens xieraq lis-socjeta’ kummercjali rikorrenti kif mitlub fir-rikors mahlufipprezentat kontestwalment mal-mandat ta’ sekwestru *de quo*;

Illi finalment, dwar is-sitt paragrafu tar-rikors ta’ Carmen Taliana fejn din tallega illi l-*Partnership* Franstan tinstab fi stat ta’ abbandun “ghaliex id-diretturi taghha naqsu milli jipprezentaw ir-rapporti finanzjarji taghha fir-Registru tal-Kumpaniji”, dan huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u ma huwiex minnu illi s-socjeta’ esponenti hija fi stat ta’ abbandun;

Illi bhala sfond legali jrid jinghad illi fl-ewwel lok socjeta’ kummercjali *en nom collectif* bhal ma hi s-socjeta’ esponenti ma jkolliex “diretturi” izda socju jew socji li jkollhom l-amministrazzjoni u rapprezentanza tas-socjeta’ kummercjali. L-ufficcju tad-direttur jezisti biss fir-rigward tal-kumpaniji. Fit-tieni lok, ma hemm ebda obbligu legali illi s-socjeta’ kummercjali *en nom collectif* tipprezenta jew tirregistra l-kotba jew rapporti finanzjarji taghha fir-Registru tal-Kumpaniji u fil-fatt dan qatt ma jsir u din hija r-raguni ghaliex ir-rikorrenti Carmen Taliana ma sabitx rapporti finanzjarji fir-Registru tal-Kumpaniji u mhux ghaliex is-socjeta’ kummercjali esponenti hija fi stat ta’ abbandun;

Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi l-mandat ta’ sekwestru 1188/2011 mahrug fuq talba tas-socjeta’ kummercjali esponenti huwa ampjament gustifikat huwa mahrug legalment in kawtela tal-pretensjonijiet u talbiet legittimi taghha kontra Carmen Taliana kif dedotti fir-rikors mahluf ipprezentat minnha kontestwalment ma’ l-istess mandat ta’ sekwestru u l-allegazzjonijiet u talbiet ta’ Carmen Taliana fir-rigward tal-istess mandat ta’ sekwestru huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dokument annessi mar-risposta tas-socjeta` kummercjali Franstan a fol 29 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta’ Jannar 2012 a fol 41 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Nicolai Vella Falzon ghas-socjeta’ intimata Franstan, u Dr Henry Antoncich ghar-rikorrenti Carmen Taliana. Id-difensuri trattaw il-kaz. Dr Antoncich inghataw il-fakolta’ jezebixxi permezz ta’ nota l-Articles of Association and Memorandum tas-socjeta’ Kashmiri Palace Limited u dan fi zmien ghoxrin (20) gurnata b’kopja lid-difensuri tal-kontro-parti li ghandu ghoxrin (20) gurnata biex jesebixxi dokument relatat mal-istess kostituzzjoni tal-Kumpanija inkluz l-azzjonisti tal-istess, jekk ikun il-kaz, u kopja tas-sentenza li taffetwa l-mertu tal-eccezzjonijiet minnu sollevati, b’kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Fl-istess termini d-difensuri ghandhom il-fakolta’ jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita’ ghal provediment ghat-28 ta Gunju 2012.

Rat in-nota tas-socjeta` kummercjali Franstan datata 2 ta’ Frar 2012 (fol 42).

Rat id-digriet tal-Qorti datat 5 ta’ Gunju 2012 fejn irrikjamat ir-rikors ghall-provediment finali ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghall-istess skop u li d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati bl-istess digriet tar-rikjam ta’ dan ir-rikors sabiex l-istess jigi deciz u ghalhekk din il-Qorti ser taghddi sabiex tiddeciedi l-istess.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II.  KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa rikors abbazi tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap. 12** sabiex jigi ddikjarat li l-mandat ta' sekwestru msemmi sar fil-konfront tar-rikorrenti odjerni b'malizzja, frivolu u vessatorju.

Illi fl-ewwel lok qed jinghad li t-talba kif proposta ma tistax tigi accettata ghaliex ma hemmx dikjarazzjoni fiha sabiex fl-ewwel lok jigi revokat il-mandat ghaliex jinghad li t-talbiet kif dedotti ma jistghux jintlaqghu jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni ta' revoka ta' tali mandat.

Illi minn harsa lejn l-**artikolu 836 (8) tal-Kap. 12** tali dikjarazzjoni ghar-revoka ma hijiex espressament indikata li ghandha ssir, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jistax ikun hemm l-effetti tal-istess artikolu jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni ghar-revoka tal-mandat ghaliex dak indikat fl-istess artikolu jwasslu sabiex effettivament jigi ddikjarat li l-mandat kawtelatorju ndikat inhareg abbusivament jew illegalment u b'hekk il-Qorti tordna l-hlas tal-penali u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li tali talba ghar-revoka tal-mandat hija logika, izda minn naha l-ohra ma hijiex rikjesta *ad hoc* mill-ligi u allura ma hemmx lok li tali rikors jigi ddikjarat null u bla effett fuq din il-bazi.

Illi dwar il-mertu tar-rikors dan ma jistax jigi milqugh u dan ghaliex:-

(a) li dan il-mandat kawtelatorju kontra r-rikorrenti odjerna hareg abbazi ta' kawza li saret kontra taghha li ghada sallum pendenti li l-kawzali taghhom huma wkoll diretti kontra taghha personalment kif jidher mill-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi (Rikors Gur. Numru 825/2011AF u allura l-istess mandat hareg sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kontra taghha.

(b) Illi s-socjeta' kummercjali Franstan ghandha d-dritt li tissostitiwixxi din il-procedura kemm ghaliex kienet hija li istiwiet il-kawza fuq imsemmija u b'effett mid-data tat-18 ta' Frar 1998 is-socjeta' Franstan Limited kkonvertiet ruhha fis-socjeta' *en nom collectif* bl-isem tas-socjeta' intimata Franstan u b'hekk ai termini tal-**artikolu 335 tal-Att dwar il-Kumpaniji** u b'rizultat ta' dan l-istess socjeta'

intimata dahlet fiz-zarbun tal-imsemmija socjeta' billi ssuccediet fid-drittijiet u obbligi tal-istess *ipso iure.* Dawn ovvjament jinkludi kull dritt li l-istess socjeta' kellha in virtu` tad-decizjoni msemija fl-ismijiet **"Alex C. Vella nomine vs Kashmiri Palace Limited et"** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna li saret res judicata fit-18 ta' April 2006 meta l-appell gie ddikjarat dezert.

(c) Illi dan il-mandat ma sarx abbazi fuq premessi konsegwenza tal-istess decizjoni izda fuq kollox abbazi ta' premessi fil-kawza prezentata kontestwalment kontra l-istess rikorrenti odjerna, liema kawzali jridu jigu decizi fil-kawza proprja hekk istwieta u huma diretti kontra r-rikorrenti odjerna abbazi tal-involviment taghha bil-mod hemm indikat, mertu li jrid jigi deciz f'dik il-kawza, izda li f'dan l-istadju jirrizulta li l-pretensjoni tas-socjeta' intimata tissussisti *prima facie* u ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta' intimata mxiet b'malizzja, u b'mod frivolu u vessatorju sabiex harget dan il-mandat ghaliex jidher mad-daqqa t'ghajn li l-istess mandat kawtelatorju inhareg sabiex s-socjeta' intimata tikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra r-rikorrenti odjerna, u dan fl-operat taghha bhala l-unika azzjonijista tas-socjeta' Kashmiri Palace Limited u qed jigi vantat li bil-mod kif agixxiet hija abbuzat mill-beneficcju tar-responsabilita' limitata moghti lilha bhala azzjonista skond il-Ligi, u ghalhekk hija ghandha tigi ritenuta personalment responsabbli anke abbazi tal-istess Att nkluz id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 67 tal-Att Dwar il-Kumpanniji.**

(d) Illi ma hemmx prova li s-socjeta' intimata jista' jinghad li hija fi stat ta' abbandun ghaliex ghalkemm jinghad fir-rikors promotur li *"d-diretturi taghha naqsu milli jipprezentaw ir-rapporti finanzjarji taghha fir-Registru tal-Kumpanija"* ma jidhirx li fil-kaz ta' socjeta' en nom collectif dan huwa rikjest u mehtieg mill-Ligi, u r-rikorrenti ma indikatx fuq liema bazi qed taghmel din il-vantazzjoni.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li ma jirrizultawx l-elementi sabiex it-talbiet tar-rikorrenti Carmen Taliana jigu milqugha u dan ghaliex ma jirrizultax li tali mandat ta'

Sekwestu Numru 1188/2011 hareg b'malizja jew tali talba hija frivola u vessatorja u allura ma hemmx lok ta' imposizzjoni ta' penali skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap. 12.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' kummercjali Franstan datata 31 ta' Ottubru 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba tar-rikorrenti Carmen Taliana fir-rikors taghha datat 12 ta' Settembru 2011** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Carmen Taliana.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------